MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Numru 1032/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**LESLIE FENECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Leslie Fenech, iben Saviour u Molly Patricia nee’ Smith, imwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Dicembru 1978, residenti 9, Triq San Gwakkin, Marsaskala, detentur tal-karta ta’ l-identita’ nr 586478M gie akkuzat:

Talli bejn l-10 ta’ Settembru 2008 u l-10 ta’ Ottubru 2008 minn gewwa ir-residenza bin-numru 9 Triq San Gwakkin, Marsaskala ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet li l-valur taghhom jeccedi il-2329.4 Euro (LM1000) ghad-dannu ta’ Leonard Debono, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-persuna u dan ai termini tal-artikoli 267, 268, 269, 279 (b) u 280 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. L. Quintano LL.D., datata 23 ta’ Settembru, 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Leonard Debono presenti fl-Awla, ghal kull buon fini, iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut u jipprometti li nkwantu ghar-rifurtiva li ghad fadallu fil-pussess tieghu, huwa ser jirritornaha lill-parte civile Leonard Debono fi zmien tletin (30) jum millum u inoltre, inkwantu ghar-rifurtiva li m’ghadx ghandu fil-pussess tieghu, jipprometti li meta jkun jista’ jirrifondi lill-istess parte civile Leonard Debono il-valur ta’ tali rifurtiva.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 31, 49, 50, 261(c), (d) u (e), 267, 268, 269, 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Leslie Fenech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda il-fedina penali xejn felici tal-imputat u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat Leslie Fenech ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Leonard Debono presenti fl-Awla, ghal kull buon fini iddikjara li qieghed jahfer lill-imputat dwar l-akkadut, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut u jipprometti li nkwantu ghar-rifurtiva li ghad fadallu fil-pussess tieghu, huwa ser jirritornaha lill-parte civile Leonard Debono fi zmien tletin (30) jum millum u inoltre, inkwantu ghar-rifurtiva li m'ghadx ghandu fil-pussess tieghu, jipprometti li meta jkun jista' jirrifondi lill-istess parte civile Leonard Debono il-valur ta' tali rifurtiva u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Leslie Fenech ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jara li l-imputat Leslie Fenech jinghata l-kura kollha mehtiega ghall-kundizzjoni medika li ghandu.

Finalment il-Qorti tordna li, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------